MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 226/2004

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 485/04 fl-ismijiet:**

**Salvatore Farrugia**

**-vs-**

**Travelex Financial Services Limited et**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta' Travelex Financial Services Limited fejn gie premess :-

1. Illi fit-18 ta' Marzu, 2004, Salvatore Farrugia talab u ottjena il-hrug tal-mandat ta' sekwestru surreferit ghall-ammont ta' disgha u hamsin elf hames mija u disgha u tmenin lira Maltija hamsa u sittin centezmu (Lm59589.65),

fuq il-kontijiet bankarji kollha li s-socjeta' esponenti ghandha;

2. Illi l-kawzali indikata fir-rikors taghmel referenza ghall-kawza fl-istess ismijiet li hija appuntata ghas-smiegh ghal-1 ta' April 2004 (Citaz. Numru 79/04 GC) quddiem din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta;

3. Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

(a) Illi r-rikorrent rcieva cheque ta' tlieta u disghin elf disgha mija u tlieta u erbghin punt disgha sterlini (Stg.93,943.09) minghand is-socjeta estera "Scottish Mutual International plc" rappresentanti kapital li kellu investit maghha liema cheque kien pagabbli lill-attur;

(b) Illi l-imsemmi cheque kif jammetti l-istess rikorrent gie f'idejn l-"stockbroker" tar-rikorrent – Mark Randon;

(c) Illi Mark Randon talab lis-socjeta intimata sabiex tohrog zewg cheques f'valuta maltija ekwivalenti wiehed ghal hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) u l-iehor ghal erbgha u tletin elf hames mija u disgha u tmenin lira Maltin hamsa u sittin centezmu (Lm34,589.65);

(d) Illi r-rikorrent jallega illi s-socjeta intimata ma kienetx awtorizzata issarraf l-imsemmi cheque biex b'hekk gheniet lil Mark Randon jiddefrawdi lir-rikorrent peress illi Mark Randon ta lir-rikorrent ic-cheque ta' Lm34,589 izda imissapropja ic-cheque ta' Lm25,000;

(e) Illi r-rikorrent qed jitlob illi s-socjeta intimata, kif ukoll il-konvenut l-iehor Bank of Valletta plc, jindenninzawh ghad-danni li allegatament sofra;

4. Illi s-socjeta intimata qed tikkontesta it-talbiet tar-rikorrenti ghar-ragunijiet principali segwenti:

(a) Illi c-cheque ta' Stg.93,943.09 kien pagabbli lir-rikorrent "or order" u kien "endorsed". Skond Artikolu 184 tal-Kodici Kummercjali, persuna illi thallas kambjala

ggirata hija obbligata li tivverifika l-awtenticita tal-firma ta' minn hareg il-kambjala; izda mhiex obbligata tivverifika l-awtenticita tal-girata. Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati dan il-principju japplika wkoll ghal cheques u bank drafts (ara fost l-ohrajn "Antonio Deguara vs Walter George Wicker noe et- Vol.XXXIX-III – pg.856; u "Farrugia vs White noe - Col. XVII-III – pg. 56);

(b) Illi ghalhekk is-socjeta intimata kienet obbligata illi tivverifika l-awtenticita ta' min hareg ic-cheque. Dan ghamlitu billi accettat ic-cheque in kwistjoni "on a collection basis" billi qabel ma sarrfet ic-cheque stenniet li tircievi l-fondi relattivi minghand "Scottish Mutual International plc", liema fondi rceviet (ara para. 3,4 tad-Dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta esponenti annessa man-nota tal-eccezzjonijiet taghha);

(c) Wara li vverifikat il-genwinita tal-firma ta' min kien hareg ic-cheque "de quo", is-socjeta intimata ma kellhiex obbligu, a bazi tal-gurisprudenza fuq citata li tivverifika l-awtenticita' tal-firma tal-"endorser" – cjoe ir-rikorrenti;

(d) Mark Randon kien il-propjetarju tac-cheque peress illi dan kien gie iggirat "in blank" u ghalhekk kien intitolat jirtira l-import kollu tieghu. Kif spjegat fil-paragrafu 3.5 u 3.6 tad-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' esponenti, Mark Randon talab lis-socjeta' esponenti sabiex tohrog zewg cheques f'valuta Maltija ekwivalenti ghall-ammont tac-cheque originali ta' Stg.93,943.09, wiehed ta' Lm34,598.65 favur ir-rikorrenti u l-iehor ta' Lm25,000 favur is-socjeta' Shield Services Ltd (li fiha Mark Randon kellu nteress) peress illi skond Mark Randon (li skond l-istess rikorrenti kien l-"stock broker" tieghu) kellu istruzzjonijiet min ghand il-klijent tiehu (cjoe' ir-rikorrenti) li jinvestilu din is-somma ta' Lm25,000 f' "bonds" lokali;

(e) Ghalkemm is-socjeta' esponenti setghet laqghet it-talba ta' Mark Randon li kien il-proprjetarju tac-cheque originali ta' Stg 93,943.09, hasset li jkun prudenti li tohrog iz-zewg cheques mitluba minn Mark Randon ta' Lm34,589.65 u Lm25,000 favur ir-rikorrenti, kif fil-fatt

ghamlet. (Vide Dokumenti B1, B2 u C annessi man-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' esponenti);

5. Illi bl-akbar rispett lejn dina l-Onorabbli Qorti dan il-mandat ghandu jigi revokat ai termini tal-artikolu 836(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (KAP. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u senjatament is-subincizi (d) u (f) li jaqraw hekk:

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv ……

(g) Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli"

6. Illi dwar l-Artikolu 836(1)(d) fuq citat jidher car illi l-ammont mitlub mhuwiex prima facie gustifikat. Kif gja gie spjegat il-kawzali fic-citazzjoni fil-konfront tas-socjeta' intimata huma:-

(a) Illi hija kienet pprojbita li ssarraf ic-cheque ta' Stg93943.09 fuq imsemmi. Dan il-fatt huwa kontraditt mill-kopja tal-licenzja mahruga mill-Malta Financial Services Authority li tawtorizza lis-socjeta esponenti li tipprovdi servizzi finanzjarji (Dok. A.);

(b) Illi hija illegalment sarrfet l-imsemmi cheque u harget zewg cekkijiet ta' Lm34589.65 u Lm25,000 u b'hekk "abilitat konsiderevolment l-attwazzjoni tal-pjan kriminali ta' Mark Randon". Kif gja gie spjegat ic-cheque ta' Stg 93,943.09 kien pagabbli lir-rikorrenti "or order" u dan kien ggirat "in blank" u kien fil-pussess ta' Mark Randon li kien ghalhekk il-proprjetarju tieghu. Gja gie spjegat illi skond il-gurisprudenza is-socjeta intimata kienet obbligata li tivverifika l-awtenticita tal-firma ta' min hareg ic-cheque (haga li ghamlet) izda kienetx obbligata tivverifika l-awtenticita tal-girata;

Kif kien konfermat bil-gurament fid-dikjarazzjoni tas-socjeta intimata annessa man-Nota tal-eccezzjonijiet.

(Para. 3.5 u 3.6) Mark Randon qal lis-socjeta intimata illi l-klijent tieghu (cjoe' ir-rikorrenti) ried zewg cheques ghax ir-rikorrenti kien tah istruzzjionijiet biex jinvestilu s-somma ta' Lm25,000 f'bonds Maltin;

Is-socjeta intimata harget iz-zewg cekkijiet f'isem ir-rikorrenti. X'tort jista jkollha is-socjeta intimata jekk hu minnu dak li jallega r-rikorrenti li Mark Randon immisapropja dan ic-cheque?;

Mill-fuq espost jidher illi ma hemm ebda hjiel ta' responsabbilita tas-socjeta intimata u ghalhekk, il-mandat ghandu jigi revokat;

7. Illi minghajr pregudizzju, l-ammont sekwestrat huwa eccessiv ghax fil-waqt illi r-rikorrenti jallega li Mark Randon immisapropja cheque ta' Lm25,000, il-mandat inhareg ghal Lm59,589.65;

8. Illi r-rigward, l-Artikolu 836(1)(f), kif gja gie spjegat, is-socjeta esponenti hija licenzjata sabiex taghti servizzi finanzjarji mill-Malta Financial Services Authority ("MFSA") li tagixxi ukoll bhala regolatur ta' entitajiet simili u dana a tenur tal-"Financial Institutions Act" (Kap.376 tal-ligijiet ta' Malta. Dan l-att jipprovdi fost l-ohrajn illi:

(a) ebda persuna ma tista toffri servizzi minghajr licenzja mill-MFSA (Art. 3 u 4);

(b) Wahda mill-kundizzjonijiet tal-licenzja hija illi tali persuna trid ikollha u zzomm intatt kapitali socjali li tiddetermina l-MFSA (Artikolu 5(1) (a));

(c) Licenzja tista tkun revokata jekk ma jigux skrupolosament osservati l-kundizzjonijiet kollha taghha u dawk imposti taht l-imsemmi Att, fosthom jekk id-detentur tal-licenzja ma jkollux fondi bizzejjed kif impost fil-licenzja jew ma kellux fondi bizzejjed biex jonera l-obbligi tieghu jew id-djun tieghu (Artikolu 6(2)(d)(e) u (f);

(d) Detentur ta' licenzja huwa obbligat jinforma lir-Regolatur f'kaz illi jinduna li ma jistax jonera l-obbligi tieghu (Art.11);

(e) Ir-Regolatur huwa obbligat illi jissorvelja l-operat ta' kull detentur ta' licenzja u ghandu diversi poteri fosthom dak li jitolbu kwalunkwe informazzjoni (Artikolu 14), li jinvestiga l-operat tieghu (Art. 15 u 16) u li jgieghlu jiehu kwalunkwe passi li jkunu xierqa (Art. 17);

Mill-fuq espost jidher illi la darba persuna li tinghata licenzja taht l-imsemmi Atti hija soggett ghal skrutenju hekk strett mir-Regolatur jirrikorru l-element kontemplata fl-Artikolu 836(1)(f) ghar-revoka tal-mandat;

Dan il-fatt huwa kkonfermat mill-accounts tas-socjeta esponenti ghaz-zmien li jghalqu fit-31 ta' Dicembru 2002 u 2003 (Doks B u C) li juru l-qaghda finanzjarja ferm soda taghha;

Mill-accounts tas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2002 (Dok. B) wiehed jinnota s-segwenti:

(i) Mill-"Profit and Loss Account" (Pagna 5), il-Kumpanija ghamlet profit net ghal dik is-sena ta' Lm130,69;

(ii) Il-"Balance Sheet" (Pagna 6) turi stampa aktar cara tal-Kumpanija ghax tirrifletti l-"assets" u "liabilities" li akkumulat kemm ilha topera. F'dik id-data kellha assi totali ta' Lm741,829 (li minnhom kellha Lm582,702 f'depoziti bankarji) kellha kapital ta' Lm100,000 u profitti akkumulati ta' Lm251,237;

Mill-"accounts" tas-sena li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2003 (Dok.C) wiehed jinnota s-segwenti:

(i) Mill-"Profit and Loss Account" (Pagna 5), il-Kumpanija ghamlet profitt nett ta' Lm130,533;

(ii) Mill-"Balance Sheet" (Pagna 6), l-assi totali telghu ghal Lm1,329,816 (li minnhom Lm867,322 kienu depoziti

bankarji)' il-Kapital baqa' Lm100,000 waqt li l-profitti akkumulati zdiedu ghal Lm381,533;

9. Is-socjeta' intimata tesponi bir-rispett illi huwa l-kaz illi din l-Onorabbli Qorti timponi il-penali kontemplata fl-Artikolu 836(7) tal-Kap.12 u dana a bazi tal-paragrafi (b), (c) u (d);

Dan is-sub-artikolu jipprovdi li tali multa tista f'kull kaz min dawn li gejjin:

(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta bizzejjed;

Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;

(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja;

10. Illi dwar l-Artikolu 836(7)(b) diga gie spjegat ghaliex ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghall-hrug tal-mandat;

Inoltre, ir-rikorrent naqas illi "fi hmistax il-jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug huwa talab b'xi mod li s-socjeta' intimata thallas id-dejn" u zgur li ma kien hemm ebda urgenza ghal hrug tal-mandat;

11. Illi dwar l-Artikolu 836(7)(c), kif ga gie spjegat, is-socjeta' intimata hija licenzjata mill-Bank Centrali ta' Malta u illum mill-Financial Services Authority sabiex tagixxi ta'

istituzzjoni finanzjarja. Il-qaghda finanzjarja soda tas-socjeta' intimata hija maghrufa sew kif wiehed jista jara mill-"accounts" taghha ghas-sena finanzjarja li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2002 li huma disponibbli ghall pubbliku ghand il-Malta Financial Services Authority u huma anke accessibbli bl-internet. L-obbligu impost fuq kull socjeta' illi tipprezenta l-"accounts" taghha kull sena lir-Registratur tas-Socjetajiet u illi dawn ikun disponibbli ghall-pubbliku huwa intiz precizament sabiex it-terzi ikunu jafu l-qaghdha finanzjarja ta' kull socjeta'. Minn dan isegwi illi r-rikorrenti kien jaf jew imissu kien jaf bil-qaghdha finanzjarja soda tas-socjeta' esponenti. F'dan ir-rigward, a skans ta' ripetizzjoni isir referenza ghal dak sottomess fil-para.8 supra ta' din in-Nota;

12. Illi dwar l-Artikolu 836(8)(d) minn dak fuq espost jidher car illi t-talba ghall-hrug tal-mandat de quo hija frivola u vessatorja, jew mhux ukoll malizzjuza;

13. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk it-talba tas-socjeta' interessata ghar-revoka jew tnaqqis tal-mandat ma tigix milqughda, hija tissottometti a termini tal-Artikolu 838(A) illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna lir-rikorrent joffri garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali u ta' danni u imghax f' termini lilu prefess u fin-nuqqas tirrevoka l-mandat;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi is-socjeta' esponenti titlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tisma r-rikors odjern b'urgenza, u dana ai termini tal-artikolu 836(2) tal-Kap. 12; u/jew
2. Tiddikjara li l-ammont mitlub mill-intimat m'huwiex prima facie gustifikat jew huwa eccessiv, u dana ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12; u/jew
3. Tiddikjara li m'huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-mandat ta' sekwestru odjern jew parti minnu jew li dan il-mandat jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli, u dana ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12;

4. Konsegwentement tirrevoka l-mandat ta' sekwestru odjern, in toto jew in parti u dana taht dawk il-kondizzjoinijiet li tista' tqis xierqa; u/jew
5. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira, u dana ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) (c) u (d) tal-Kap.12; u/jew
6. Tordna lill-intimat sabiex jaghti, f'terminu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali u ta' danni u imghax u fin-nuqqas li tnehhi l-mandat ta' sekwestru odjern, u dana ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap.12;

Rat ir-risposta tal-intimat Salvatore Farrugia fejn gie sottomess:

Illi huwa ma jaqbilx mat-talbiet rikorrenti;

Illi l-fatti kontenuti fir-rikors ser jemergu la darba jibdew jinstemghu l-provi fil-meritu;

Illi l-esponent kien ippresenta citazzjoni fil-Prim'Awla iktar minn hmistax l-gurnata qabel ma nhareg l-mandat de quo;

Illi d-danni sofferti mill-intimat, u kkagunati mir-rikorrent ghad iridu jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk ma jistax jinghad li l-ammont tal-mandat huwa eccessiv;

Illi s-socjeta rikorrenti hija sussidjarja ta' socjeta estera, u ghalhekk minkejja li hemm diversi assi hawn Malta, l-hajja tas-socjeta in kwistjoni tiddependi fuq is-socjeta estera;

Illi ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez konta ir-rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-intimat Salvatore Farrugia;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2004 minn fejn jirrizulta li l-intimat iddikjara li l-fatti kif elenkati fir-rikors promotu mhux kontestati;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2004;

Ikkonsidrat:

Wara li dan ir-rikors gie differit sabiex jinghata l-provediment finali, l-intimat talab li jigi awtorizzat jippresenta nota ta' osservazzjonijiet, liema talba giet akkolta b'digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Gunju 2004. Gustament is-socjeta rikorenti, permezz ta' rikors presentat fit-8 ta' Lulju 2004, ipprotestat kontra l-presentata tal-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet da parti tal-intimat;
Qed jinghad li l-imsemmija protesta tas-socjeta rikorrenti hi gusta in vista tal-fatt li l-provi kollha kienu nghalqu u l-partijiet kienu gia ghamlu s-sottomissjonijiet kollha taghhom. Ghalhekk il-Qorti qed tipprovdi dwar l-imsemmi rikors tas-socjeta rikorrenti tat-8 ta' Lulju 2004 billi tirrevoka "contrario imperio" l-imsemmi digriet taghha tal-25 ta' Gunju 2004 u tordna l-isfilz tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimat annessa mar-rikors tal-istess intimat tal-4 ta' Gunju 2004;

Fir-rikors promotur taghha s-socjeta rikorrenti Travelex Financial Services Limited ghamlet referenza ghal mandat ta' sekwestru kawtelatorju ottjenut kontra taghha mill-intimat Salvatore Farrugia ghall-ammont ta' disgha u hamsin elf hames mija u disgha u tmenin lira Maltija hamsa u sittin centezmu (Lm59589.65). L-intimat jippretendi li l-imsemmija socjeta rikorenti irregolarment u illegittimament sarfet cheque barrani mahrug favur tieghu u b'hekk ghenet lill terzi f'agir fraudolenti mghamul fil-konfront tieghu. L-intimat qed jitlob li s-socjeta rikorrenti tiddenizzah ghad-danni li huwa jippretendi li sofra bhala konsegwenza tal-imsemmi agir;

L-imsemmi cheque kien ghas-somma ta’tlieta u disghin elf disgha mija u tlieta u erbghin punt disgha sterlini (Stg.93,943.09). Is-socjeta rikorrenti sarfet dan ic-cheque billi kkonsenjat lill-imsemmija terzi zewg cheques espressi f’valuta maltija wiehed ghal hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) u l-iehor ghal erbgha u tletin elf hames mija u disgha u tmenin lira Maltin hamsa u sittin centezmu (Lm34,589.65). Jidher li dan tal-ahhar in effett gie konsenjat lill-intimat li sarfu;

Is-socjeta rikorrenti tippretendi li l-imsemmi agir taghha fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u in vista tal-ligijiet prevalenti kien ghal kollox regolari. Mhux il-kompitu ta’ din il-Qorti, f’dawn il-proceduri, li tiddeciedi kwestjonijiet li jappartjenu essenzjalment ghal meritu tal-vertenza li hemm bejn il-partijiet. Ma hemmx dubju li esami tal-agir tas-socjeta rikorrenti dwar l-operat taghha meta sarfet ic-cheque in kwestjoni hu parti mill-mertu. Hu bizzejjed li jinghad, ghal finijiet ta’ dawn il-proceduri, li l-pretensjonijiet tal-intimat “prima facie” jidhru li huma ragionevoli u sostenibbli;

Is-socjeta rikorrenti tippretendi li l-imsemmi att kawtelatorju ghandu jigi revokat ai termini tal-artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dawn l-artikoli jipprovdu li att kawtelatorju jista jigi revokat jew in toto jew in parte jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv u jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli;

Ghandu jinghad mill-bidu nett li ma jirizultawx sufficjentement l-estremi li trid il-ligi, skond l-imsemmija provedimenti, sabiex l-att kawtelatorju in kwestjoni jigi revokat in toto jew in parte;

Kif gia gie rilevat il-kwestjoni tar-responsabilita o meno da parti tas-socjeta rikorrenti ma tistax tigi deciza f’dawn il-proceduri. Jidher ukoll li l-intimat qed jippretendi li huwa sofra danni u jidher ukoll li dawn id-danni ghal finijiet tal-att kawtelatorju gew kalkolati fis-somma indikata fl-istess

att kawtelatorju. Il-fatt li s-socjeta rikorrenti hi licenzjata sabiex taghti servizzi finanzjarji mill-awtoritajiet kompetenti Maltin ma jfissirx li l-operat taghha ma jistax jigi skrutinat. Lanqas ma jfisser li ma jistax jkun hemm pretensjonijiet kontra taghha dwar l-istess operat. Jista jkun li l-kotba tan-negozju tas-socjeta rikorrenti jindikaw li l-ghada finanzjarja illum tal-istess socjeta hi wahda posittiva. Din il-ghada finanzjarja pero' tista tiddeterjora maz-zmien. Barra minn hekk is-socjeta rikorrenti tiddependi minn persuni u avvenimenti li jigri barra minn Malta;

L-intimat ghandu kull dritt, skond il-ligi, li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu permezz ta atti kawtelatrorji kif fil-fatt ghamel. Huwa ovvju li l-intimat hu responsabbli ghal dak kollu li jghamel u ghalhekk eventwalment jista jigi ritenut responabbli legalment ghall-istess atti;

Ma jirrizultawx l-estremi li trid il-ligi fl-artikoli 836(7)(b)(c) u (d) tal-Kapitolu 12 u ghalhekk il-penali kontemplata fl-istess artikoli mhux applikabbli. Dan qed jinghad a bazi ta' dak kollu li gia ntqal. Lanqas ma jirrizulta li t-talba ghal hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni kienet wahda li saret b'malizzja, jew li hi frivola jew vessatorja;

Lanqas ma tirrizulta raguni valida jew kawza gusta sabiex jigi ordnat lill-intimat sabiex jghati garanzija kif kontemplat fl-artikolu 838(A);

In vista tal-premess it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------